# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Erbgħa, 10 ta' April 2019

## Talba Numru 389/2018SFJ

## *GO p.l.c. (C22334)*

## *vs.*

## *Uwe-Peter Kreuzberg (131103L)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' seba' mija u sebgħa u tletin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€737.58) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40509427, u għalkemm interpellat sabiex iħallas, baqa' inadempjenti, bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bir-referenza 1611/2016 u bl-imgħaxijiet legali.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba li tikkonsisti fis-segwenti:

i. Dokument A – Prospett/*statement* li jindika l-bilanċ dovut ta' seba' mija u sebgħa u tletin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€737.58);

ii. Dokument B – *Agreement Order Form*;

iii. Dokument Ċ – Kopja tal-ittra uffiċjali bin-numru 1611/2016 datata 10 ta' Awwissu 2016 li ma ġiex innotifikata skont riferta datata 13 ta' Awwissu 2016 "*gone away*";

iv. Dokument D – Estratt mir-Reġistru Elettorali li jindika l-indirizz irreġistrat tal-konvenut; u

v. Dokument E – Traduzzjoni tal-Avviż tat-Talba bil-lingwa Ingliża.

Ra li saru bosta tentattivi sabiex il-konvenut jiġi innotifikat fl-indirizzi skont ir-Reġistru Elettorali u fl-aħħar ġie innotifikat personalment.

Ra li għalkemm il-konvenut kien debitament innotifikat, baqa' ma ppreżenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019 xehdet Marianne Camilleri għan-nom tas-soċjetà attriċi li ikkonfermat taħt ġurament li s-somma indikata fl-Avviż tat-Talba għadha dovuta u ċioe l-konvenut għadu debitur tas-soċjetà attriċi.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u sebgħa u tletin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€737.58) bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk konnessi mal-ittra uffiċjali bir-referenza 1611/2016 u bl-imgħax legali li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimat.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**